**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 53/09**

**Illum: 27 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Alfred Attard**
**(ID 367665(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Alfred Attard ta' 43 sena, iben Michael u Doris nee` Zammit, imwieled il-Pieta`, nhar it-30 ta' Lulju 1965, residenti 47, Triq Felic, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 367665(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fid-9 ta` April 2008 u matul il-jiem ta' qabel:

a) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta, jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina (eroina) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,

Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża u rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor illi taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Wara li l-pulizija rċeviet informazzjoni illi kien qed isir xi traffikar ta' droga minn ħanut wara l-għassa ta' Bormla, fid-9 ta' April 2008, intbagħtu pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga f'dawk l-inħawi sabiex jinvestigaw din l-informazzjoni. L-informazzjoni kienet dwar ċertu Eman Cassar u George Vella, iżda għalkemm dakinhar fil-mira tal-investigazzjoni kien Eman Cassar, minflok il-pulizija raw lil George Vella f'din iż-żona.[1]

**PC 1213 Carlos Axisa** jixhed illi dak in-nhar huwa kien qiegħed jagħmel osservazzjoni ġewwa Bormla fiż-żona magħrufa bħala Fuq San Pawl, li tinsab eżatt wara l-għassa ta' Bormla, fejn hemm bar bl-isem Reno's Bar.[2] Jixhed illi George Vella ġie osservat jagħmel kuntatt ma' xi nies b'tali mod li kien jidher biċ-car illi Vella kien qiegħed ibiegħ id-droga. Ix-xhud jgħid illi huwa rah

[1] Ara x-xhieda tas-Supretendent Norbert Ciappara, a fol. 17 sa 24 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 30 sa 36 tal-proċess.

jagħmel kuntatt ma' żewġ persuni, u qabel dan il-kuntatt, fiż-żewġ okkażjonijiet, rah ukoll iġib ix-xogħol (ossia d-droga) minn wara ċangun. Jgħid illi Vella deher ukoll jagħmel kuntatt mal-imputat odjern u deher jgħaddilu xi flus waqt illi kienu qegħdin barra, fuq l-għatba ta' Reno's bar – l-imputat "*kien qiegħed bil-wieqfa fuq it-tarġa u George Vella kien qiegħed taħtu u rajtu jgħaddilu flus f'idejh u s-Sur George* [Alfred] *Attard kien tefagħhom fil-but*".[3] Skont ix-xhud, f'xi ħin, l-imputat u Vella imxew flimkien fid-direzzjoni ta' ċint fejn kienet moħbija d-droga u waqt illi dawn kienu qed jitkellmu qrib iċ-ċint, l-imputat u Vella ġew imwaqqfa mill-pulizija, wara li x-xhud avżahom b'dak li kien ra. Ta' dan kollu, ix-xhud ġibed ukoll filmat illi jinsab esebit fl-atti.[4] Jirriżulta wkoll illi minn tfittxija illi saret fuq il-persuna tal-imputat, instabu s-somma ta' €1140, żewġ *mobile phones*, *pouch* iswed u *notepad blu*.[5]

Saret ukoll tfittxija fiż-żona kkonċernata, speċifikatament minn fejn George Vella deher iġib id-droga. Diversi pulizija xehdu dwar l-involviment tagħhom f'din l-investigazzjoni u partikolarment dwar it-tfittxijiet illi saru. **WPS 120 Carolina Marmara Jiacono** xehdet illi taħt il-bankina, fejn kien hemm ftit ħaxix tiela', hija sabet żewġ *sachets* bojod tal-karti. Ftit il-bogħod minnha, **PC 10 Trevor Cassar Mallia**, sab *sachet* oħra tal-karti, qisu tal-istess daqs taż-żewġ *sachets* l-oħra.[6] B'kollox għalhekk instabu tlett iqratas. Saret ukoll tfittxija ġewwa Block 2, Door 19, Fuq San Pawl, Bormla, ossia r-residenza ta' George Vella, fejn skont **WPS 23 Geraldine Buttigieg** instabu xi miżien u boroż.[7] **PS 579 Antoine Micallef** jgħid illi wara l-informazzjoni mogħtija minn PC 1213 Carlos Axisa, fil-waqt illi l-kollegi tiegħu marru fuq Vella, huwa mar fuq l-imputat odjern. Jgħid illi minn fuq il-persuna tiegħu ġew elevati xi flus u xi *mobile phone*. Jgħid ukoll illi x'ħin waslu fuq il-post, l-imputat kien qed jitkellem ma' Vella u ma rah jagħmel xejn suspettuż. Skont ix-xhud, il-qratas instabu mal-art u kienu moħbija, ħdejn ir-rota tal-vettura li l-imputat ġie mwaqqaf ħdejha.[8] **PC 1319 Matthew Xuereb** jgħid illi huwa wkoll waqqaf lill-imputat odjern, fil-waqt illi l-kollegi tiegħu waqqfu lil Vella. Fuq l-imputat sabu ammont ta' flus, fil-waqt illi mal-art, mal-bankina fil-ħaxix, fejn kien hemm ukoll xi vetturi pparkjati, sabu xi qratas b'trab kannella suspettat eroina. Żied jispjega illi d-droga ma nstabitx ħdejn l-imputat, għalkemm ma setax jindika distanza preċiża u li meta huwa ra lill-imputat, dan kien qed jitkellem

---

[3] A fol. 31 tal-proċess.
[4] Dok. HM, a fol. 84 tal-proċess.
[5] Ir-riċevuta li ngħatat lil Alfred Attard dwar din is-somma u l-*pouch* iswed tinsab esebita bħala Dok. NC 1, a fol. 25 tal-proċess, fil-waqt illi r-riċevuta dwar iż-żewġ *mobile phones* u n-*notepad* tinsab esebita bħala Dok. NC 2, a fol. 26 tal-proċess. Is-Supretendent Ciappara esebixxa s-somma ta' €1140 bħala Dok. NC 5 u l-*pouch iswed* u ż-żewġ *mobile phones* bħala Dok. NC 6 waqt is-seduta tad-29 ta' April 2013 (ara x-xhieda tas-Supretendent Ciappara, a fol. 65 u 66 tal-proċess). In-*notepad* baqa' ma ġiex esebit.
[6] Ara x-xhieda ta' WPS 120 Carolina Marmara Jiacono, a fol. 38 sa 42 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, a fol. 43 sa 46 tal-proċess u x-xhieda ta' WPS 23 Geraldine Buttigieg, a fol. 47 sa 49 tal-proċess.
[7] Ara din ix-xhieda a fol. 47 sa 49 tal-proċess.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 54 sa 57 tal-proċess.

fit-triq ma' George Vella. Jgħid ukoll illi huwa fl-ebda waqt ma ra lill-imputat jarmi d-droga.[9]

Fix-xhieda tiegħu, is-Supretendent Ciappara jispjega dak li wassal għal dawn il-proċeduri fil-konfront tal-imputat odjern. Huwa jgħid illi waqt l-interrogatorju tiegħu, George Vella ammetta li kellu l-vizzju ta' droga u li biex iżomm il-vizzju tiegħu, huwa kien ibiegħ parti mid-droga li kien jakkwista. Jgħid in oltre illi Vella kien stqarr illi l-imputat odjern kien jisilfu l-flus speċifikatament biex jixtri d-droga u li mbagħad huwa kien iħallsu lura minn dak li kien idaħħal mill-bejgħ tad-droga sabiex jifdi d-dejn miegħu. Kien fid-dawl ta' dan illi l-imputat ġie mressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet odjerni.

Jirriżulta wkoll mill-atti illi fil-proċeduri li ttieħdu kontra tiegħu, l-istess **George Vella** ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar l-10 ta' April 2008, waqt ix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar l-14 ta' Marzu 2011.[10] Jirriżulta wkoll illi f'dik l-istqarrija, wara li spjega kemm kien jixtri u jbiegħ eroina u l-prezzijiet li bihom kien jagħmel dan, huwa jgħid hekk fil-konfront tal-imputat odjern u meta ġie ssuġerit lilu illi l-flus tad-droga li kien qed ibiegħ kien qed iżommhom Fredu li ġie arrestat miegħu dakinhar: "*nghid li xi 3 ijiem ilu jiena kont ghamilt ftehim ma Fredu sabiex isellifni 400 Euro sabiex inkun nista' nixtri id-droga eroina u inbieghha sabiex inkun nista' inzomm il-habit tieghi. Mistoqsi x'qalli Fredu nghid li hu taghni 400 Euro u ta' dan jiena kelli naghtih 20 Euro ta' kull 400 Euro li jaghtini.*"[11] Fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Marzu 2011, imbagħad, l-istess Vella ikkonferma din l-istqarrija, fil-waqt illi żied illi huwa ma riedx jikxef l-isem tal-persuna li mingħandha kien jakkwista l-eroina.

L-istess George Vella xehed f'dawn il-proċeduri wara li ġie kkonfermat illi l-proċeduri fil-konfront tiegħu kienu ntemmu.[12] B'referenza għal April 2008, Vella jgħid illi kien ġabru s-Sur Ciappara, ittieħed id-*depot* biex ikellmu u kienu sabulu tliet pakketti droga eroina. Jgħid ukoll illi dakinhar Ciappara kien ġabar lilu u lil Fredu ossia lill-imputat odjern u li "*Fredu m'għandux x'jaqsam. Għidtlu. Dak kelli nagħtih 400 Euro u mort nagħtihomlu jiena u ġabruh miegħi għalxejn. Għalxejn ġabruh. U ghidtlu lil Ciappara jien.*"[13] Mistoqsi jekk huwa kienx ta verżjoni differenti lis-Supretendent Ciappara, Vella jibqa' jinsisti dwar din il-verżjoni tiegħu u saħaq illi huwa kien qallu illi huwa kellu jagħti €400 lill-imputat u li mar jagħtihomlu dakinhar. Wara li ġiet esebita kopja formali tax-xhieda tiegħu f'dawn l-atti, l-istess George Vella reġa' ħa l-pedana tax-

[9] Ara din ix-xhieda a fol. 60 sa 63 tal-proċess u a fol. 71 sa 74 tal-proċess.
[10] Din ix-xhieda tinsab esebita a fol. 95 sa 98 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 96 tal-proċess.
[12] Ara x-xhieda tiegħu a fol. 77 sa 79 tal-proċess u a fol. 114 sa 122 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 78 tal-proċess.

xhieda f'dawn il- proċeduri u b'referenza għall-jum tal-10 ta' April 2008, spjega illi dak in-nhar, qabel l-arrest tiegħu huwa kien tkellem mal-imputat fil-ħanut in kwistjoni. Dwar il-ħlas tal-flus lill-imputat, huwa jgħid illi "*kelli naghtih xi haga tad-dawl u tajthomlu*" u dan fis-sens illi l-imputat kien sellfu l-flus biex iħallas il-kont tad-dawl u huwa ħallsu lura. Ċaħad illi l-ħlas tal-flus lil Attard kien relatat mad-droga jew li l-imputat kellu xi involviment fid-droga u baqa' jinsisti illi l-flus kienu għall-kont tad-dawl, u li dakinhar huwa kien ħallas lura lill-imputat xi ħames mitt ewro (€500), wara li kien sellifhomlu madwar xahrejn qabel.

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar l-10 ta' April 2008 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi.[14] Huwa għażel ukoll li jieħu l-pedana tax-xhieda f'dawn il-proċeduri.[15]

Fix-xhieda tiegħu, l-imputat jgħid illi huwa jgħix f'post tal-Gvern, konsistenti f'żewġt ikmamar ġewwa Bormla. Jgħix bir-*relief* u preżentement jaqla' madwar ħames mitt ewro (€500) fix-xahar, li minnhom mitt ewro (€100) jirċevihom bħala benefiċċju tal-mard. Spjega illi fis-sena 2008, huwa kien jirċievi kemmxejn inqas. Spjega illi lil George Vella kien sar jafu fil-ħanut tat-te li jinsab wara l-għassa. Mistoqsi jekk kienx silef xi flus lil Vella, l-imputat wieġeb illi Vella kien qallu "*Ghamilli pjacir, tista tislifni hames mija (500). Ghax ha jaqtghula d-dawl lil ommi.*"[16] L-imputat staqsieh kif kien ser iroddhomlu lura billi huwa ma kellux flus biex jgħaddi u għal dan George Vella qallu li kien ser jagħtihomlu mir-*relief.* L-imputat spjega illi minn dawn il-€500, Vella tah biss żewġ pagamenti, wieħed fl-ammont ta' €40 u ieħor fl-ammont ta' €60. Żied jispjega illi Vella kien talbu l-flus madwar ġimgħatejn jew xahar qabel ma ġew arrestati u li hu tah il-flus l-għada jew xi jumejn wara li Vella talabhomlu. Xehed ukoll illi huwa kien wassal lil Vella ġewwa Ħal-Luqa għand tad-dawl sabiex iħallas il-kont u tah is-somma ta' €500 u waqt illi Vella daħal ġewwa bil-flus, l-imputat baqa' barra fil-karozza jistennih.

Dwar is-somma flus li nstabet fil-pussess tiegħu, l-imputat spjega illi dawn kien ser jużahom biex jixtri konsenja żraben tad-ditta Puma bil-għan li jbiegħhom fuq il-monti tal-Birgu u jdawwar lira. Spjega illi laħaq ġie mwaqqaf mill-pulizija qabel mar jixtri ż-żraben u meta ġie mwaqqaf, huwa għarraf b'dan kollu lill-pulizija u ndikalhom ukoll il-post qrib il-ħanut tat-te, minn fejn kien sejjer jixtri dawn iż-żraben. Spjega illi ta d-dettalji kollha ta' dan il-post lis-Supretendent Ciappara. Żied jgħid illi kien sejjer jixtri ż-żraben mingħand mara li kien jafha biss minn wiċċha u ma kienx jaf x'jisimha għaliex kien sieħbu Reno Gatt li kien jafha u li għalih din kienet l-ewwel darba illi kien sejjer jixtri

[14] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 27 u 28 tal-proċess.
[15] Ara din ix-xhieda a fol. 140 sa 156 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 143 tal-proċess.

dawn iż-żraben. Spjega wkoll illi l-flus li kellu fuqu kien warrabhom ftit ftit miċ-ċekkijiet li kien jirċievi u żied jgħid illi huwa ma kellu l-ebda vizzju u li ma kien imur imkien ħlief sa dan il-ħanut tat-te għal xi te, luminata jew xi ħobża. Kompla jixhed illi t-tfittxija mill-pulizija saret ukoll fil-karozza tiegħu illi kienet ftit il-bogħod mill-ħanut u li f'din il-karozza ma sabu xejn. Jgħid ukoll illi ma saritx tfittxija fir-residenza tiegħu.

In kontro-eżami, l-imputat jgħid illi huwa ma kienx jaf li George Vella kien jabbuża mid-droga. Jgħid illi kien silef il-flus lil Vella f'okkażjoni waħda biss u li kien wasslu Ħal-Luqa sabiex iħallas il-kont. L-imputat jgħid illi Vella qatt ma qallu li ried il-flus għad-droga iżda biss illi riedhom minħabba l-kont tad-dawl. Żied jgħid illi f'dan il-ħanut tat-te kulħadd ħabib ta' kulħadd u kien għalhekk illi silef il-flus lil Vella. Jgħid ukoll illi Vella wrieh il-kont, iżda billi l-imputat ma jafx jaqra, huwa qal lil Vella illi għalxejn kien qed jurih il-kont u li kien ser jagħtih il-flus u jwasslu. L-imputat isostni illi huwa għamel pjaċir lil Vella u jekk dan allega illi huwa kien jaf li l-flus mislufa lilu kienu sabiex jixtri d-droga, allura skont hu, Vella gideb meta qal hekk. L-imputat żied jgħid illi li kieku kien jaf li Vella ried il-flus biex jixtri d-droga lanqas kien jislifhomlu. Spjega wkoll illi dawn l-affarijiet lanqas jgħaddulu minn moħħu għaliex hu ilu aktar minn għoxrin sena jirċievi kura psikjatrika. Xehed ukoll illi huwa qatt ma mess ma' droga.

Dwar il-flus li nstabu fil-pussess tal-imputat u l-verżjoni mogħtija dwarhom minnu, jirriżulta mix-xhieda tas-Supretendent Ciappara illi xi pulizija ngħataw struzzjonijiet biex jagħmlu l-verifiki dwar dak li allega l-imputat, fl-indirizz indikat minnu. L-istess Supretendent Ciappara jgħid illi meta marru fil-post sabu persuna tagħmel xi xogħol ta' manutenzjoni u ma deherx illi min kien joqgħod fih, kien qed joqgħod hemm dak iż-żmien. In kontro-eżami jgħid illi lill-pulizija bagħthom xi darbtejn f'dan il-post.

F'dan ir-rigward xehed **PS 1174 Adrian Sciberras** li kkonferma illi kien mar fil-post indikat, li huwa jiddeskrivi bħala li jinsab faċċata tal-għassa ta' Bormla, biex jagħmel verifiki dwar xi żraben li kellu jakkwista l-imputat, u li meta ħabbat il-bieb ma fetaħ ħadd. Żied jispjega illi huwa mar f'dan il-post darba biss, iżda ma ra lil ħadd jagħmel xi xogħolijiet u għalih il-post ma deherx abbandunat.[17] Dwar dan, xehed ukoll **PS 1355 Cleon Purshouse** li jgħid illi fuq struzzjonijiet tas-Supretendent Ciappara, huwa mar fl-indirizz 2, Triq San Franġisk, Bormla u dan sabiex jara jsibx mara hemmhekk u jistaqsiha dwar xi bejgħ ta' żraben. Meta mar f'dan l-indirizz, ma kien sab lil ħadd. Jgħid ukoll illi kien mar darba biss f'dan il-post u ma jiftakarx li kien għamel xi verifiki mal-ġirien.[18]

[17] Ara din ix-xhieda a fol. 51 sa 53 tal-proċess.
[18] Ara din ix-xhieda a fol. 67 sa 69 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Kif ingħad iżjed 'il fuq, fl-10 ta' April 2008, l-imputat volontarjament irrilaxxja stqarrija lill-pulizija wara illi ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2015, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tiskarta din l-istqarrija u dan peress illi l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu.[19] L-imputat intavola wkoll rikors datat 26 ta' Ottubru 2016, fejn fid-dawl tal-ġurisprudenza hemmhekk ċitata, talab l-isfilz tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, kif ukoll illi din l-istqarrija tiġi skartata bħala prova fil-konfront tiegħu u dan kemm fid-dawl tal-fatt illi huwa ma ngħatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll stante li ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-istess interrogatorju.

Il-Qorti tqis illi huwa evidenti illi l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tiegħu fiż-żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u wisq inqas id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. L-ewwel dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni dritt imsemmi daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemm hekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali iżjed riċenti fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel

[19] Ara a fol. 124 tal-proċess.

irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk ilproceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mirrikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza riċenti tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm

hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżerċitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija bħala prova inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirriżulta mill-provi prodotti illi l-imputat jinsab akkużat bir-reati odjerni fid-dawl ta' dak li osservaw il-pulizija fil-jum in kwistjoni u dan fis-sens illi raw lil Vella jgħaddi xi flus lill-imputat odjern wara li l-istess Vella kien ġie osservat jgħaddi d-droga lil terzi persuni, kif ukoll fid-dawl ta' dak li stqarr George Vella fl-interrogatorju tiegħu, sussegwentement ikkonfermat minnu fix-xhieda tiegħu fil-proċeduri li ttieħdu kontrih u ċioe` illi l-imputat kien sellfu l-flus sabiex huwa jkun jista' jixtri d-droga u jbiegħha biex ikun jista' jżomm il-vizzju.

Kif jirriżulta mix-xhieda tas-Supretendent Norbet Ciappara, għalkemm dak in-nhar tad-9 ta' April 2008, l-imputat ġie mwaqqaf mill-Pulizija, oriġinarjament huwa ma kienx fil-mira tal-investigazzjoni. Anzi żied jgħid illi:

"*fl-ebda hin ma gejt infurmat li Alfred Attard deher jaghmel xi kuntatti ma' nies ohra jew jaghmel xi kuntatt ma fejn aħna ssuspettajna li kien qed jahbi d-droga*" – u dan tal-aħħar b'referenza għal George Vella. Jgħid ukoll illi: "*Meta sussegwentement kellimt lil George Vella, George Vella kien qalli li kellu habit tad-droga u li kien qed jixtri d-droga, kien qed jikkattja, izomm minnha biex jabbuza minnha hu u kien hemm minnha li kien qed ibieghha. Meta staqsejtu kif kien qieghed jaghmel biex jakkwista d-droga, biex ibiegh id-droga anke minhabba l-habit tieghu, huwa qalli li kien jisilfu l-flus Alfred Attard biex jixtri d-droga, specifikament Alfred Attard kien jisilfu l-flus biex jixtri d-droga u imbgħad hu kien ihallsu lura ta' dak li jkun qed jaqla minnu biex jifdi d-dejn li kien qed jaghmel biex jixtri d-droga originarjament.*" [20] Żied jgħid illi l-informazzjoni illi kellha l-Pulizija kienet ibbażata fuq dak illi kien stqarr George Vella. Jgħid ukoll: "*Le ma kienx qed jghaddilu d-droga. Kien qed jghaddilu l-flus. Issa **skond George Vella, Alfred Attard kien jaf li dawk il-flus li qed jisilfu biex hu jixtri d-droga bihom** u imbghad kien ihallas lil Alfred Attard lura wara li jkun biegh id-droga.*"[21] (enfasi miżjud). Jerġa' jgħid is-Supretendent Ciappara meta mistoqsi in kontro-eżami jekk irriżultax illi kien hemm xi forma ta' ftehim dwar kif ser tiġi traffikata d-droga bejn Attard u Vella: "*Il-ftehim skond George Vella, il-ftehim li kien hemm kien li hu jaghtih il-flus biex tinxtara d-droga, George jiehu hsieb jixtri d-droga u jqassamha u jbieghha u imbghad ihallsu lura, ihallsu lura tal-flus li jkun tah bl-interessi li ftehmu huma bejniethom*".[22] In oltre dwar it-tieni imputazzjoni, is-Supretendent Ciappara xehed hekk:

*"M: ...inti mill-investigazzjoni li għamilt inti personali, rriskontrajt prova oħra minn dawk li semmejt sa issa fuq traffikar?*

*T: Dak li qed jallega George Vella.*"[23]

Għalhekk jirriżulta illi l-Prosekuzzjoni bniet il-każ tagħha fuq dak illi allega George Vella. Din il-Qorti anke rat il-filmat li ttieħed waqt l-osservazzjoni li saret fil-jum in kwistjoni u setgħet faċilment tinnota illi fil-mira tal-pulizija kien hemm George Vella. Ġara pero` illi meta Vella avviċina lill-imputat huwa deher jgħaddilu xi flus. Mill-filmat mhuwiex ċar kemm flus għaddew minn id għal oħra, iżda jidher illi għaddew ftit karti.

[20] Ara a fol. 19 tal-proċess.
[21] A fol. 20 tal-proċess.
[22] A fol. 21 tal-proċess.
[23] Ara din ix-xhieda a fol. 22 tal-proċess.

Issa fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-mori tal-proċeduri li ttieħdu kontra tiegħu, Vella jirreferi għall-arranġament li kellu mal-imputat sabiex dan jisilfu l-flus u dan skont hu, sabiex huwa jkun jista' jixtri d-droga eroina. Madankollu, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Vella jinnega illi l-imputat kellu x'jaqsam mad-droga jew illi l-imputat kien sellfu l-flus sabiex tinxtara d-droga, anzi jgħid illi lis-Supretendent Ciappara huwa mill-ewwel kien qallu illi l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan kollu. Jagħti wkoll verżjoni oħra dwar ir-raġuni għaliex huwa kien issellef il-flus mingħand l-imputat odjern u ċioe` illi dawn issellifhom sabiex iħallas kont tad-dawl. Da parti tiegħu l-imputat ukoll jiċħad li kellu x'jaqsam mad-droga jew li sellef il-flus lil Vella għad-droga, anzi jgħid illi kieku din kienet ir-raġuni ma kienx isellfu l-flus. Jgħid ukoll illi huwa kien sellfu l-flus biex jagħmel pjaċir lil Vella u sabiex dan ikun jista' jħallas il-kont tad-dawl.

L-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid illi f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-istess Kapitolu, imbagħad, f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre għalkemm ir-regola ġenerali taħt l-Artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija illi: "*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*", l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi eċċezzjoni għal din ir-regola u dan għaliex jipprovdi illi minkejja d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 661, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, tista tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

Fil-każ tal-lum, huwa proprju dan illi l-Qorti għandha quddiemha ossia xhieda mogħtija minn George Vella li permezz tagħha huwa kkonferma l-istqarrija

oriġinarjament rilaxxjata minnu u li fiha kien indika lill-imputat odjern bħala l-persuna li mingħandha kien issellef il-flus sabiex jixtri d-droga eroina u jbiegħha. Għalkemm Vella irritratta mix-xhieda tiegħu meta xehed f'dawn il-proċeduri, irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Pierre Gravina</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar dikjarazzjoni ġuramentata li ssir ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta:

"*Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud.*"

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Martin Debono</u>**, deċiża fis-7 ta' Lulju 2003 minn din il-Qorti kif diversament preseduta:

"*Issa fil-kaz in disamina m'hemmx dubbju li x-xhieda guramentata moghtija minn El-Kurbo kontra l-imputat konfermata quddiem magistrat hija sufficjenti sabiex din il- qorti ssib reita' kontra tieghu u la ghandha ghalfejn tfittex korroborazzjoni "b'cirkostanzi ohra".*

*Inghad dan pero' din il-qorti hi tal-fehma li anka f'cirkostanzi 'normali' fejn l-uniku xhud kontra imputat huwa bhal f'dan il-kaz l-'akkusatur' u m'hemm lanqas tracca ta' cirkostanza, imqarr wahda, li toffri korroborazzjoni, l-akbar cirkospezzjoni hija mhux biss dovuta izda obligatorja. F'dan il-kaz mhux biss ma jezistux provi ohra izda u apparti c-cahda kategorika tal-imputat hemm ir-ritrattazzjoni tax-xhud stess li fuqu il-prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha. F'dan il-kuntest il-qorti qeghdha tiskarta ghal kollox bhala mill-aktar tenwa u assai rrilevanti l-fatt li El-Kurbo kellu n-numru tat-telefon cellulari tal-imputat. In vista ta' dan kollu ghalhekk il-qorti tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.*"

Il-Qorti qieset bir-reqqa x-xhieda ta' George Vella u rriflettiet fit-tul dwar din ix-xhieda fil-kuntest tal-bqija tal-provi prodotti fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti qieset ukoll illi x-xhieda ta' George Vella, bħala l-persuna illi skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni, issellfet il-flus mingħand l-imputat għall-fini illi jixtri d-

droga, ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħrajn. Biss fil-każ odjern, il-Qorti ma tqisx illi tista' tasal għal sejbien ta' ħtija fl-imputat fil-grad rikjest mil-liġi.

Jibda biex jingħad illi meta ġie mwaqqaf, l-imputat ma nstab fil-pussess ta' ebda sustanza. Anzi d-droga ma nstabitx ħdejn l-imputat u kuntrarjament għal Vella, fl-ebda ħin ma ġie osservat jagħmel kuntatt mad-droga li nstabet. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-filmat tal-investigazzjoni. In oltre l-imputat fl-ebda waqt ma deher jaġixxi b'mod suspettuż, għajr illi ġie osservat jirċievi l-flus mingħand Vella. Dan apparti l-fatt illi minn tfittxija fil-vettura li fiha jidher l-imputat ma nstabet ebda sustanza jew xi ħaġa oħra suspettuża. Lanqas ma jidher illi saret xi tfittxija fid-dar tal-imputat. Ma nstab xejn illi jista' jiġi abbinat ma' traffikar ta' droga da parti tal-imputat. Dwar is-sejba tal-flus fil-pussess tal-imputat, il-Qorti tinnota diskrepanza bejn ix-xhieda ta' Vella u dik tal-imputat u dan fis-sens illi fil-waqt illi fil-jum in kwistjoni ċertament illi għaddew flus bejn Vella u l-imputat, Vella l-ewwel jgħid illi dakinhar huwa ħallas lill-imputat is-somma ta' €400, imbagħad is-somma ta' €500, fil-waqt illi l-imputat jgħid illi sa dakinhar Vella kien ħallsu biss madwar €100 mis-somma ta' €500 li kien sellfu u lanqas ma jgħid x'kien ħallsu Vella fil-jum in kwistjoni. Irid jingħad ukoll illi oriġinarjament Vella kien semma s-somma ta' €400 fl-istqarrija tiegħu, kif ikkonfermata minnu quddiem il-Qorti. Biss mill-banda l-oħra, għalkemm is-somma ta' €1140 misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx waħda żgħira, speċjalment meta wieħed iqis il-mezzi limitati tal-istess imputat, m'hemm xejn fl-atti li jxejjen dak allegat minnu fix-xhieda tiegħu u dan fis-sens illi huwa kien ġemma dawn il-flus bil-mod mill-benefiċċji soċjali li kien jipperċepixxi jew illi dawn kienu intiżi sabiex jixtri konsenja ta' *slippers* tad-ditta Puma, kif jgħid fix-xhieda tiegħu. L-imputat indika lill-pulizija l-post minn fejn skont hu, kien ser jixtri dawn iż-żraben u għalkemm il-Prosekuzzjoni kellha kull opportunita` sabiex tagħmel il-verifiki tagħha dwar dan, jirriżulta illi għamlet biss żewġ tentattivi sabiex taċċedi f'dan il-post. Dan kien tentattiv fjakk da parti tal-Prosekuzzjoni li m'għamlitx l-almu tagħha biex tivverifika l-verżjoni tal-imputat, bil-possibilita` li tibni każ aktar b'saħħtu kontra tiegħu. Il-Qorti tinnota wkoll illi għalkemm il-Prosekuzzjoni għamlet referenza għal *notebook* illi nstab fil-pussess tal-imputat, dan in-*notebook* qatt ma ġie esebit fl-atti ta' din il-kawża, apparti illi lanqas ma sar aċċenn għall-kontenut tiegħu.

Fuq il-persuna tal-imputat instabu wkoll żewġ *mobile phones* li ġew esebiti fl-atti, iżda l-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma talbet lill-Qorti għall-ħatra ta' espert sabiex iniżżel il-kontenut tal-istess u għalhekk baqgħet ma nġabret l-ebda informazzjoni minn dawn il-*mobile phones.*

Il-Qorti tinnota wkoll illi għalkemm is-Supretendent Ciappara jgħid illi Vella kien qallu illi l-imputat kien sellfu l-flus speċifikatament sabiex dan ikun jista'

jixtri d-droga eroina, imbagħad ibiegħha u mir-rikavat allura jħallas lura lill-imputat, u għalkemm huwa wkoll evidenti illi Vella ma kienx qed jgħid is-sewwa meta xehed quddiem din il-Qorti illi lis-Supretendent Ciappara huwa qallu illi l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn f'din il-viċenda kollha, biss jibqa' l-fatt illi indipendentement minn dak li Vella seta' qal lil Ciappara matul l-investigazzjoni, l-unika parti tal-istqarrija ta' Vella, kif ikkonfermata minnu fix-xhieda tiegħu fil-proċeduri li ttieħdu kontrih, u li tirreferi għall-imputat hija din: "*nghid li xi 3 ijiem ilu jiena kont ghamilt ftehim ma Fredu sabiex isellifni 400 Euro sabiex inkun nista' nixtri id-droga eroina u inbieghha sabiex inkun nista' inzomm il-habit tieghi. Mistoqsi x'qalli Fredu nghid li hu taghni 400 Euro u ta' dan jiena kelli naghtih 20 Euro ta' kull 400 Euro li jaghtini*".

Skond l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ikun ħati ta' reat kontra l-istess Ordinanza kull min "*jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni*".

L-Artikolu 22(1A) tal-istess Kap. 101 imbagħad ikompli jgħid, b'referenza għas-sub-artikolu ċitat, illi "*l-assoċjazzjoni ta' persuni ... teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu*".

Fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Marzu 2003, fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Steven John Caddick, Phillip Walker, Omissis</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri elenkat it-tlett elementi neċessarji sabiex tissussiti l-assoċjazzjoni fil-każ ta' droga. B'referenza għall-indirizz mill-Ewwel Qorti lill-ġurati, il-Qorti qalet hekk:-

*"... the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice".*

*... Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between two or more persons" (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to*

*the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices ...".*

U kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dumbaya Almani**, dawn it-tlett elementi – il-ftehim bejn żewġ persuni jew aktar, l-intenzjoni illi tiġi negozjata d-droga u l-ftehim dwar il-modalita` tal-pjan ta' azzjoni – iridu jiġu pruvati mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.

Fil-każ in diżamina din il-prova ma tirriżultax. Minn dak li jgħid Vella fl-istqarrija tiegħu, sussegwentement maħlufa minnu, jirriżulta ċar illi dettalji dwar il-ftehim bejnu u bejn l-imputat qajla jagħti, ħlief dwar x'kellu jrodd lura lill-imputat. Fil-waqt illi Vella jgħid illi kien laħaq ftehim mal-imputat sabiex dan isellfu l-flus biex b'dawn il-flus huwa jixtri d-droga, din ix-xhieda kkontradiċiha hu stess meta quddiem din il-Qorti, huwa xehed illi l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga. X'aktarx illi Vella verament issellef il-flus sabiex jixtri d-droga, anke għaliex huwa qajla seta' jixtri l-ammonti ta' droga li jindika fl-istqarrija mingħajr ma jissellef il-flus u *del resto* ġie osservat jbiegħ id-droga fil-jum in kwistjoni u nqabad fil-pussess ta' tliet pakketti bl-eroina, apparti miżien fir-residenza tiegħu. Biss anke jekk din kienet l-intenzjoni ta' Vella meta ssellef il-flus mingħand l-imputat odjern, mill-istqarrija tiegħu ma jirriżultax ċar illi l-imputat kien konsapevoli mir-raġuni vera għaliex Vella issellef dawn il-flus mingħandu. In oltre fix-xhieda tiegħu, l-imputat jiċħad illi kellu xi ħjiel li l-flus mislufa minnu lil Vella kienu sabiex dan jixtri d-droga. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma ssibx li għandha raġuni valida sabiex tiskredita x-xhieda tal-imputat meta fl-istess waqt, apparti li l-istqarrija ta' Vella waħedha ma tindikax sodifaċentement il-konsapevolezza tal-imputat dwar ir-raġuni għas-self, Vella lanqas ma wera li huwa xi xhud kredibbli jew affidabbli meta biddel il-verżjoni tiegħu.

Għalhekk mill-provi prodotti ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi, illi kien hemm xi ftehim bejn l-imputat u Vella illi jittraffikaw id-droga eroina bħal ma lanqas ma jirriżulta illi ġie miftiehem il-*modus operandi* li bih l-imputat u Vella kellhom jimxu sabiex ibiegħu jew jittraffikaw id-droga jew illi l-imputat kellu jiffinanzja xi assoċjazzjoni.

Għaldaqstant, magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sodisfaċentement la l-ewwel

imputazzjoni ta' assoċjazzjoni u lanqas it-tieni imputazzjoni ta' traffikar miġjuba kontra l-imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' elf, mija u erbgħin ewro (€1140) esebita bħala Dokument NC 5, taż-żewġ *mobile phones* u l-*pouch* esebiti bħala Dokument NC 6, kif ukoll tal-karta tal-identita` esebita bħala Dokument NC 7 favur l-istess imputat.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat